MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Numru 281/2007

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Karmenu Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 357138(M), akkuzat talli fis-17 ta’ Novembru 2005 u fi zminijiet precedenti, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:
1. ircieva minghand Philip Degiorgio, xi weghda li tinghata, lilu jew lil ohrajn, b’korrispittiv ghal xi self,

imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b'access minn dak li jkun permess bil-ligi.

2. taht l-istess cirkustanzi, minghajr licenza moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioè ssellef flus bl-imghax lil Philip Degiorgio.

3. kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' l-1994, jew xjentement kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghin jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat ic-certifikat tal-mewt tieghu.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri tiddikjara procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------